

Brussell, 9 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14809/21

ENFOPOL 502
JAI 1389
COSI 246
CATS 78
CRIMORG 160
MIGR 275
FRONT 433
ASIM 101
COPEN 447
CFSP/PESC 1221

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 9 ta' Diċembru 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13998/21

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-appoġġ tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti: sieħeb apprezzat, iżda b'użu insuffiċjenti ta' sorsi ta' data u kejl tar-riżultati"

– *Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Diċembru 2021)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-appoġġ tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti: sieħeb apprezzat, iżda b'użu insuffiċjenti ta' sorsi ta' data u kejl tar-riżultati", approvat mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3837 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Diċembru 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-appoġġ tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti: sieħeb apprezzat, iżda b'użu insuffiċjenti ta' sorsi ta' data u kejl tar-riżultati"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 19/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-appoġġ tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti: sieħeb apprezzat, iżda b'użu insuffiċjenti ta' sorsi ta' data u kejl tar-riżultati";
2. JIEĦU NOTA tal-fokus importanti tar-Rapport Speċjali dwar l-appoġġ tal-Europol għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti;
3. JIRRIKONOXXI l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha fir-Rapport Speċjali, b'mod partikolari li s-sħab tal-Europol jagħtu valur lill-appoġġ strateġiku u operazzjonali tagħha, għalkemm il-monitoraġġ tar-riżultati għandu jissaħħaħ mill-Europol mal-Istati Membri u s-sħab rilevanti mhux tal-UE;
4. JINNOTA li r-Rapport Speċjali jidentifika tliet kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw il-kompletezza tal-informazzjoni miksuba mill-Europol:
 - livelli differenti ta' attività fost l-Istati Membri fl-alimentazzjoni tal-bażijiet tad-data tal-Europol,
 - problemi ffaċċjati fit-tnedija u t-tmexxija ta' negozjati bilaterali biex jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi prijoritarji mhux tal-UE, u
 - l-inabbiltà tal-Europol li tiġbor u tanalizza informazzjoni direttament minn partijiet privati;

5. f'dak il-kuntest, JENFASIZZA l-importanza tal-kapaċità tal-Europol li tiskambja informazzjoni rilevanti ma' pajjiżi mhux tal-UE, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħha fin-negozjati ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi prijoritarji mhux tal-UE, U JILQA' l-intenzjoni tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew fir-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Europol biex tittejjeb il-kapaċità tal-Europol għall-iskambju strutturali ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'konsiderazzjoni dovuta għar-rwol globali tal-INTERPOL;
6. JENFASIZZA WKOLL il-ħtieġa li tiġi estiża l-kapaċità tal-Europol li tirċievi u tipproċessa data personali minn partijiet privati, bħal fornituri ta' servizzi online, li tista' tinkiseb permezz tar-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Europol propost mill-Kummissjoni, flimkien ma' possibbiltajiet addizzjonali ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi; JISSOTTOLINJA, madankollu, il-ħtieġa li tiġi evitata interferenza mal-obbligi ta' rappurtar ta' entitajiet privati diġà previsti fil-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
7. JINNOTA WKOLL li l-Europol attwalment ma tagħmilx użu suffiċjenti minn sorsi ta' data esterni, peress li qed tuża b'mod attiv is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), iżda aktar rarament tuża l-bażijiet ta' data tal-Interpol, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-EURODAC, primarjament minħabba kwistjonijiet tekniċi u legali li għandhom jiġu solvuti bil-possibbiltà li wieħed ifittex dawn il-bażijiet ta' data kollha simultanjament, kif previst mir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà (2019/818);
8. IFAKKAR li f'Mejju 2021 il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE 2022-2025 għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata permezz tal-pjattaforma multidixxiplinari Ewropea kontra t-theddid kriminali (EMPACT), u li l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti hija stabbilita bħala waħda minn dawn il-prijoritajiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra n-networks kriminali li jipprovdu servizzi ta' faċilitazzjoni tul ir-rotot migratorji ewlenin;
9. IFAKKAR fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Affarijiet Interni tal-UE dwar il-Futur tal-Europol tal-21 ta' Ottubru 2020, li skontha l-Europol għandha taħdem flimkien ma' atturi stabbiliti oħra fl-arkitettura tas-sigurtà Ewropea u globali bbażata fuq diviżjoni tal-kompiti, WAQT LI JIKKUNSIDRA l-pożizzjoni ċentrali tal-Aġenzija f'The Hague, u FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-akbar valur miżjud tal-Europol jinsab fil-kompiti ewlenin tagħha ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, analiżi u appoġġ operazzjonali;

10. IFAKKAR li fid-29 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni mġedded tal-UE kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti (2021-2025), li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil billi jimmira li jipprevjeni t-telf ta' ħajjiet, inaqqas il-migrazzjoni irregolari u jiffaċilita l-ġestjoni ordnata tal-migrazzjoni, b'kooperazzjoni mtejba mal-pajjiżi sħab u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
11. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Europol li jakkumpanjaw ir-Rapport Speċjali u l-fatt li l-Europol taċċetta r-rakkomandazzjonijiet kollha tar-Rapport Speċjali;
12. JISSOTTOLINJA l-appoġġ importanti pprovdut mill-EMSC lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi terzi sħab fl-immirar u ż-żarmar tan-networks kriminali kumplessi u sofistikati involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u JIRRIKONOXXI l-importanza ta':
 - it-titjib tal-aċċess mill-EMSC għas-sorsi rilevanti kollha ta' informazzjoni;
 - it-tisħiħ tal-iskambju tad-data bejn l-Europol u s-sħab kollha tagħha, b'mod partikolari l-Frontex, permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-għodod u l-protokoll tal-IT meħtieġa;
 - it-titjib tal-monitoraġġ u r-rappurtar tal-prestazzjoni għall-attivitajiet tal-EMSC; u
 - iż-żieda fit-trasparenza u l-kontabbiltà tal-proċess ta' prijoritizzazzjoni tal-każ.
13. JISTIEDEN lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex iżżomm lill-Kunsill infurmat dwar rapporti tal-awditjar futuri dwar l-istess kwistjoni.